## Qorti tal-Maġistrati (Malta)
## Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 03 ta' Mejju 2024

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**vs**

**ANTHONY STIVALA**
**(K.I. 591956M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat Anthony Stivala, ta' sebgħa u sittin (67) sena, iben ta' Emanuel u Carmela xebba Vella, imwieled il-Pietà, Malta, nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Awwissu tas-sena 1956, residenti ġewwa 31, Balmoral, Triq in-Namur, Iklin, detentur tal-karta tal-identità Maltija b'numru 591956M u akkużat f'isem ir-Repubblika ta' Malta talli nhar it-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u fil-ġranet, fil-ġimgħat u fix-xhur preċedenti, f'Malta senjatament ġewwa l-Iklin, tas-Sliema u/jew f' bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, permezz ta' diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, ossia diversi važuni u/jew važetti u arloġġ, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, meta l-valur tal-ħaġa misruqa jkun iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-dannu ta' Heritage Malta u/jew ir-Repubblika ta' Malta u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra; u

2. Fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, xjentement kien fil-pussess ta' forma ta' proprjetà kulturali, ossia oġġetti fosthom diversi važuni u/jew važetti u arloġġ, li kienu akkwistati illegalment u miżmuma minnu ; u

3. Fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, instab li kellu fil-pusses tiegħu xi oġġetti, ossia diversi važuni u/jew važetti u arloġġ illi kien jaf li huma proprjeta' tar-Repubblika ta' Malta, li 1-awtorita' kompetenti ma kienitx tat permess bil-miktub sabiex hija tista' tiddisponi minnhom;

Il-Qorti kienet mitluba, f'każ li tinstab ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, sabiex:

i. Tħaddem kontra l-ħatja d-dispożizzjonijiet tal-proviso għall-Artikolu 70(1) u d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 70(2) u 70(3) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali (Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta); u

ii. Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija għal reati hawn fuq imsemmija u jekk jidrilha xieraq tordna lill-ħatja sabiex tirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnha misruqa jew li xjentement laqgħet għandha b'riċettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligħ ieħor kontra l-liġi bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li tħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif

imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra ai termini ta' l-Artikolu 15A tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u

iii. Tħaddem kontra l-ħatja d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta), u jekk ikun il-każ, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta); u

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat rreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotta kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi dan il-każ huwa eku ta' serqa ta' antikitajiet li seħħet mill-Palazz tal-President, fil-Belt Valletta u li ġiet irrapportata lill-Pulizija fil-5 ta' April 2024. Filfatt, l-oġġetti formanti parti minn dawn il-proċeduri huma:

(i) *Sicilian Maiolica Bomba* tas-seklu 17;
(ii) *Italian Maiolica Bomba* tas-seklu 18; u
(iii) *English George III Table/bracket clock by Thomas Hunter of London*, c. 1770.

Jirriżulta li l-akkużat huwa kollezzjonist dilettant u anke għandu ħanut minn fejn jixtri u jbiegħ oġġetti u kurżitajiet antiki jew kollezzjonabbli. Jirriżulta li l-persuna li hija

akkużata li wettqet is-serqiet[1] kienet minn xi daqqiet tmur il-ħanut tal-akkużat biex ittiħ xi oġġett u tieħu rahan fuqu. F'dawn l-aħħar ġimgħat, dik il-persuna għamlet kuntatt mal-akkużat u qaltlu li għandha xi oġġetti li setgħu jgħoddu għaliħ. Ħadithomlu u hu akkwisthom mingħandha. Stqarr li qatt ma ra bħalhom u li ma kellux idea x'inhuma. Filfatt hu akkwisthom u ħadhom id-dar biex iżejjen bihom. Meta sema mill-media bis-serqiet mill-Palazz tal-President u ra r-ritratti tal-oġġetti misruqa induna mal-ewwel li kienu dawn l-istess oġġetti u qabdu paniku peress li ma kienx jaf fiex daħal u x'se jagħmel bihom. Sussegwentement ġie mitkellem mill-pulizija u ammetta mal-ewwel li kienu fil-pussess tiegħu u għaddiehom lura lill-pulizija.

Illi l-prosekuzzjoni ddikjarat illi l-oġġetti hawn imsemmija ġew ritornati lura fi stat eċċellenti u filfatt kienu qed jinżammu mill-akkużat fix-xugamani biex żgur ma ssirilhomx ħsara.

Ikkonsidrat;

Illi ħareġ mis-sottomissjinijiet tal-partijiet kif ukoll mill-istqarrija rilaxxata minnu li l-akkużat ma kellux idea tal-valur jew l-oriġini  ta' dawn l-oġġetti u lanqas ta' kif allegatament spiċċaw għand dik il-persuna sopra msemmija. Madanakollu, jibqa' l-fatt li l-akkużat akkwista dawn l-oġġetti li huma ta' partrimonju nazzjonali u li allegatament is-sors tagħhom huwa s-serq.

Illi l-ewwel akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu, ossija dik ta' riċettazzjoni, għandha l-istess piena bħal dik tas-serq u għalkemm ma basarx li l-oġġetti kellhom sors illeċitu, ma kellu ebda sistema mħaddna li permezz tagħha seta jevita li jkollu inċident bħal dan odjern. Di più, l-oġġetti *de quo* jidhru biċ-ċar li huma ta' kwalità u għalkemm il-prezz imħallas minnu għalihom ma kienx prezz mormi, lanqas ma kien viċin tal-valur reali tagħhom u b'hekk, anke jekk stess ma kienx jaf is-sors tagħhom, seta faċilment jirrealizza li s-sors ta' dawn l-oġġetti kien wieħed illeċitu.

Ikkonsidrat;

[1] Li preżentement għadha għaddejja bil-proċeduri kontriha.

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħha, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li r-reat imwettaq mill-akkużat seta' jiġi evitat li kieku huwa applika aktar attenzjoni lejn dik it-transazzjoni. Di più, kien ikun ferm aħjar li kieku minflok ma qagħad jistenna lill-pulizija jkellmuh, mar minn jeddu għand il-pulizija l-mument li skopra li dawn l-oġġetti kienu allegatament misruqa mill-Palazz tal-President u kienu propjetà tar-Repubblika ta' Malta. Illi dawn in-nuqqasijiet huma serji u l-piena għandha tirrifletti s-serjetà tagħhom.

Illi min-naħa l-oħra, l-akkużat ikkowopera bis-sħiħ mal-pulizija u anke rritorna l-oġġetti mixtrija lura lill-pulizija. Filfatt illum-il ġurnata dawn ġew irritornati lill-Pulizija, u b'hekk, għalkemm piena karċerarja hija ideona f'dan il-każ, din m'għandhiex tkun waħda effettiva.

Illi min-naħa tagħha, il-prosekuzzjoni ddikjarat illi l-oġġetti ġew ritornati lura fi stat tajjeb ħafna u b'hekk m'hemmx il-ħtieġa tal-applikazzjoni tal-Artikoli 70(2) u (3) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 334(a), 279(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 70(1)(h) tal-Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil Anthony Stivala **ħati** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u qed tikkundannah għal piena ta' sentejn (2) priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tiġi sospiża għall-perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum.

Illi ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-

Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Illi l-Qorti qed tastjeni milli tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 70(2) u (3) tal-Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta in vista tal-fatt li ma hemmx il-ħtieġa tal-applikazzjoni tagħhom fil-każ *de quo*.

Finalment, peress li ma ġew nominati ebda esperti f'dan il-każ, il-Qorti tqis li ma hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**